

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Lulju 2010

li tistabbilixxi l-Forum ta' livell għoli dwar it-titjib tal-funzjonament tal-katina ta' provvista tal-ikel

(2010/C 210/03)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 173(1) tat-Trattat jassenja lill-Unjoni u lill-Istati Membri l-kompitu li jiżguraw li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni jiġu żgurati, b'mod partikolari billi jitħeġġeġ ambjent favorevoli għall-kooperazzjoni bejn l-impriżi. B'mod partikolari, l-Artikolu 173(2) iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkonsultaw lil xulxin b'rabta mal-Kummissjoni u, fejn ikun meħtieġ, jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom. Il-Kummissjoni tista' tieħu kwalunkwe inizzjattiva utli biex tħeġġeġ din il-koordinazzjoni.
- (2) Il-grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività tal-industrija agroalimentari mwaqqaf bid-Deċiżjoni 2008/359/KE tal-Kummissjoni ⁽¹⁾ tat-28 ta' April 2008 stabbilixxa rapport li fih 30 rakkomandazzjoni u pjan direzzjonali ta' inizzjattivi ewlenin bl-għan li titħeġġeġ il-kompetittività tal-industrija tal-ikel Ewropea.
- (3) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar" ⁽²⁾, il-Kummissjoni ppreżentat 10 inizzjattivi politiċi bl-għan li jirrimedjaw għannuqqasijiet osservati waqt l-analiżi mill-ġdid tas-suq uniku fis-settur tal-ikel u impenjat ruħha li tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tagħhom, fuq il-bażi ta' diskussjoni mal-partijiet interessati.
- (4) Issa jeħtieġ li jiġi żgurat il-monitoraġġ tar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività tal-industrija agroalimentari u l-monitoraġġ tal-inizzjattivi tal-Kummissjoni. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jiġi mwaqqaf grupp ġdid ta' esperti b'kompetenzi ta' firxa wiesgħa, taħt il-forma ta' Forum ta' livell għoli dwar it-titjib tal-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel, li l-kompożizzjoni tagħha tirrifletti l-atturi kollha tal-katina tal-ikel. Dan il-Forum ser jippermetti li tiġi żgurata l-koerenza tal-inizzjattivi diversi tal-Kummissjoni.
- (5) Il-Forum għandu jkun magħmul minn personalitajiet ta' livell għoli li jirrappreżentaw l-Istati membri u s-setturi tal-agrikoltura, tal-industrija tal-ipproċessar agroalimentari u tad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel, kif ukoll minn organizzazzjonijiet non-governattivi li huma esperti fil-qasam tal-katina tal-provvista tal-ikel.
- (6) Għandhom jiġu previsti regoli rigward it-tixrid ta' informazzjoni mill-membri tal-Forum, mingħajr ħsara għar-regoli tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sigurtà li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2001/844/KE, ECSC, Euratom tal-Kummissjoni ⁽³⁾.
- (7) Kwalunkwe dejta personali dwar il-membri tal-Forum għandha tiġi trattata b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-dejta ⁽⁴⁾.
- (8) Huwa meħtieġ li tiġi rrevokata d-Deċiżjoni 2008/359/KE.
- (9) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit iż-żmien ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Forum

Forum ta' livell għoli dwar it-titjib tal-funzjonament tal-katina ta' provvista tal-ikel, aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Forum", għandu jiġi mwaqqaf.

Artikolu 2

Kompiti

Il-Forum għandu jgħin lill-Kummissjoni fit-tfassil tal-politika industrijali fis-settur agroalimentari. Għal dan il-għan, isegwi, minn naħa, fir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-grupp ta' livell għoli dwar il-kompetittività tal-industrija agroalimentari mwaqqaf mid-Deċiżjoni 2008/359/KE tal-Kummissjoni u, minn naħa l-oħra, l-implimentazzjoni tal-inizzjattivi proposti mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha "Katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar".

Artikolu 3

Konsultazzjoni

Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-Forum rigward kwalunkwe kwistjoni marbuta mal-kompetittività u l-funzjonament tal-katina ta' provvista tal-ikel fi ħdan is-suq intern u sabiex tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet ġodda skont l-iżviluppi tal-katina ta' provvista tal-ikel.

⁽¹⁾ ĠU L 120, 7.5.2008, p. 15.⁽²⁾ COM(2009) 591, 28.10.2009.⁽³⁾ ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

Artikolu 4

Kompożizzjoni – Nominazzjoni

1. Il-Forum għandu jkun magħmul minn massimu ta' 45 membri.

2. Il-Forum għandu jinkludi:

— l-awtoritajiet nazzjonali ta' Stati Membri li huma responsabbli għas-settur tal-ikel fuq livell ministerjali;

— impriżi attivi fis-setturi tal-industrija agroalimentari, tal-kummerċ u tad-distribuzzjoni ta' prodotti agroalimentari fl-Unjoni;

— assoċjazzjonijiet u federazzjonijiet li jirrappreżentaw isetturi tal-agrikoltura, tal-industrija agroalimentari u tal-kummerċ u tad-distribuzzjoni ta' prodotti agroalimentari fl-Unjoni;

— organizzazzjonijiet non-governattivi li huma esperti fil-kwistjonijiet relatati mal-katina ta' provvista tal-ikel.

3. Kull membru tal-Forum għandu jaħtar rappreżentant permanenti għall-grupp ta' tħejija msemmi fl-Artikolu 5(2).

4. Il-membri għandhom jiġu nnominati għal żmien ta' kariga li jista' jiġġedded ta' sena u għandhom jeżerċitaw il-kariga tagħhom sakemm jiġu sostitwiti b'mod konformi mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu jew sat-tmiem taż-żmien tal-kariga tagħhom.

5. Il-membri jistgħu jiġu sostitwiti għall-bqija taż-żmien ta' kariga tagħhom fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta jirriżenjaw;

(b) meta ma jkunux jistgħu aktar jikkontribwixxu b'mod effikaċi għax-xogħol tal-Forum;

(c) meta ma jirrispettawx l-Artikolu 339 tat-Trattat.

6. L-ismijiet tal-membri għandhom jiġu ppublikati fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija u fir-reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni.

Il-ġbir, il-ġestjoni u l-pubblikazzjoni tal-ismijiet tal-membri għandhom isiru b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 5

Funzjonament

1. Il-Forum għandu jiġi ppresedut mill-Kummissjoni. Huwa għandu jistabbilixxi rapport annwali dwar l-attivitajiet għall-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

2. Grupp ta' tħejija, aktar 'il quddiem imsejjaħ il-“grupp tax-sherpas”, għandu jħejji d-dibattiti, id-dokumenti bl-informazzjoni tal-isfond u l-opinjoni sabiex jifassal ir-rapport annwali tal-Forum. Huwa għandu jiġi ppresedut mill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' tlaqqa' gruppi ta' ħidma inkarigati li jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi fuq il-bażi ta' mandat stabbilit bi qbil mal-Forum jew mal-grupp tax-sherpas. Dawn il-gruppi ta' ħidma għandhom jiġu xolti malli jispiċċa ż-żmien ta' kariga tagħhom.

4. Il-Kummissjoni tista' tistieden esperti jew osservaturi li għandhom kompetenza partikolari f'suġġett imniżżel fl-aġenda biex jieħdu sehem fix-xogħol tal-forum jew fid-deliberazzjonijiet jew ix-xogħol tal-grupp tax-sherpas jew tal-gruppi ta' ħidma.

Fuq talba mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni tista' tistieden lill-Parlament Ewropew biex jaħtar rappreżentant wieħed jew aktar minn wieħed biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Forum.

5. Il-Forum, il-grupp tax-sherpas u l-gruppi ta' ħidma normalment għandhom jiltaqgħu fil-bini tal-Kummissjoni, skont l-arranġamenti u l-kalendarju stabbilit minnha. Is-segretarjat għandu jiġi żgurat mill-Kummissjoni. Uffiċjali tal-Kummissjoni li huma interessati fix-xogħol jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Forum, tal-grupp tax-sherpas u tal-gruppi ta' ħidma.

6. Il-membri tal-Forum, ir-rappreżentanti tagħhom u l-esperti u l-osservaturi mistiedna għandhom jikkonformaw mal-obbligi tas-sigriet professjonali stabbiliti fit-Trattati u fir-regoli tagħhom ta' implimentazzjoni, kif ukoll mar-regoli ta' sigurtà tal-Kummissjoni fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni kklassifikata tal-UE previsti fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom.

7. Il-Kummissjoni tista' tippubblika jew tqiegħed fuq l-internet, fil-lingwa ta' oriġini tad-dokument ikkonċernat, kwalunkwe sommarju, konklużjoni, parti ta' konklużjoni jew dokument ta' ħidma tal-Forum, kif ukoll kwalunkwe minuti u rapport.

Meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tittraduċi dawn id-dokumenti jew parti minnhom fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

Artikolu 6

Revoka

Id-Deċiżjoni 2008/359/KE għandha tiġi revokata.

Artikolu 7

Applikabbiltà

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2012.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Vċi President